MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2009

Numru 4/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Haber)**

**Versus**

**Angelo Zahra**

Il-Qorti

1.Rat l-imputazzjoni dedotta kontra Angelo Zahra ta' 41 sena bin Joseph u Grace xebba Zammit u li joqgħod Green Dale New Street off Mosta Road Lija u li għandu l-karta tal-identita' bin-numru 751849 (M)

Akkużat talli naqas li jobdi l-ordni mogħtija lilu mill-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta fit-23 t'Ottubru 1990 li jwaqqa' l-bini kollu mhux awtorizzat li kien bena fil-Faqqanija limiti ta' Had-Dingli (boundary wall) fi żmien tliet xhur mid-data msemmija.

Għaldaqstant il-Qorti ntalbet li tordna lil Angelo Zahra li jħallas is-somma ta’ Lm900 (€2106) mill-24 ta’ Jannar 1991 sat-28 ta’ Frar 1991 bir-rata ta’ Lm25 (€58.5) kull jum.

2. Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż il-verbal tat-12 ta’ Frar 2007 dwar ix-xhieda li kienu nstemgħu u l-atti li kienu ppreżentati qabel f’din l-istess qorti diversament preseduta u fejn id-difiża ma qablitx li dawn għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni.

3. Nhar il-15 ta’ Marzu 2005, il-Prosekuzzjoni esibiet is-sentenza ‘Il-Pulizija versus Angelo Zahra’ tat-23 t’Ottubru 1990. Kien esibit ukoll id-dokument RG li hu ‘Building Permit’ maħruġ a favur tas-sur Harry Falzon li joqgħod Falcon House Mdina Road Żebbuġ u datat 14 t’Awwissu 1990:

‘To erect boundary wall as per plans / elevations (PAPB 3049/90/1A) submitted with application dated 14.04.90 and amended subject to General Conditions (A) on form DC 1/88. …. Omissis

Permit for rubble wall construction 1.2 m maximum high.’

4. Meta xehed Ruben Gauci, l-uffiċjal tal-Mepa, fil-15 ta’ Marzu 2005 hu rrefera għall-permess maħruġ fl-14 t’Awwissu 1990. Skond il-permess dan kellu jkun ħajt tas-sejjieħ ta’ erba’ filati. Minflok hem mil-]at l-antik lio kien ħajt tal-kantun, baqa’ filata jew tnejn minnu. Dan jikkonfermawh ir-ritratti. Kienet inħarget taħrika minħabba li kien inbena hajt tal-kantun li kien fih xi tmien filati u imbagħad ħareġ permess ta’ hajt tas-sejjieh ta’ erba’ filati. Kien twaqqa’ l-hajt tal-kantun u baqa’ xi filata jew tnejn minnu. Il-hajt tas-sejjieħ qatt ma sar. Huwa kompla jixhed li r-ritratti ttieħdu minnu stess fit-13 t’Ottubru 2003 u s-sitwazzjoni kienet ghadha l-istess sa ]l-15 ta’ Marzu 2005.

5. Il-pjanta li kienet ipprezentata turi l-kundizzjoni li l-ħajt kellu jkun ħajt tas-sejjieħ.

6. Fl-20 ta’ Ġunju 2005 reġa’ xehed Ruben Gauci u qal li r-ritratti li kien qed jippreżenta keinu ritratti meħudin dak in-nhar stess.

7. Il-Qorti ntweriet ukoll żewġ ritratti li kienu fil-file tal-Mepa u li kienu ttieħdu fl-1990. Ix-xhud kompla jgħid li l-ħajt kien għoli seba’ filati u llum baqa’ filata jew tnejn u hemm fejn ma baqa’ xejn.

8. Fil-kontro-eżami x-xhud qal li l-permess kien ħareġ fuq Mr.Harry Falzon li joqgħod Ħaż-Żebbuġ. Ix-xhud qal ukoll li skond is-sentenza tat-23 t’Ottubru 1990 l-imputat kien ikkundannat iwaqqa’ l-ħajt.

9. Meta xehed fit-2 ta’ Frar 2009, Ruben Gauci qal li l-enforcemnt order kienet ħarġet fil-31 ta’ Lulju 1990 kontra l-imputat. Il-ħajt li ħarġet il-legal action fuqu prattikament tneħħa pero’ l-ħajt tas-sejjieħ li ħareġ permess fuqu ma nbeniex.

**Xhieda Difiża**

10. Fl-10 t’Ottubru 2008, l-imputat xehed li l-enforcement order kienet biex huwa jwaqqa’ l-ħajt li kien bena bla permess u li kien għoli xi seba’ jew tmien filati. L-enforcement order kienet biex ibaxxi l-ħajt għal erba’ filati. Huwa kein baxxieh erba’ filati u l-ġebel tiegħu fl-art tieħgu stess. Imbagħad ġegħluh ineħħi l-ġebel. Wara kien biegħ l-art lil Henry Falzon u dan ħariġlu permess ta’ erba’ tas-sejjieħ. Meta kien muri d-dokument li fuqu jidher in-numru 16 huwa kkonferma li dan il-permess biex jibni kien ħareġ lill-Kumpanija ta’ Henry Falzon. L-Awtoritajiet kienu qalulu biex jagħmlu tas-sejjieħ iżda huwa ma setax għax kien biegħ l-art.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

11. Iċ-ċitazzjoni odjerna timputa li l-imputat kien għadu ma waqqax il-boundary wall wara li kienet ngħatat is-sentenza tat-23 t’Ottubru 1990. Il-multa mitluba tkopri l-perjodu 24 ta’ Jannar 1991 sat-28 ta’ Frar 1991.

12. Skond is-sentenza tat-23 t'Ottubru 1990, l-imputat kellu 'jwaqqa' l-imsemmija kostruzzjoni'.

13. Minħabba li kien hemm bdil fil-Maġistrati li kienu qed jisimgħu dan il-proċess, u minħabba li ma kienx hemm qbil dwar il-provi li kienu nġabru qabel, **il-Qorti ser tillimita ruħha għall-provi li nstemgħu quddiemha biss.**

14. Il-Qorti għandha quddiemha ritratti li juru li 'biċċiet' mill-ħajt kienu għadhom jidhru meta ttieħdu r-ritratti mill-uffiċjal tal-Mepa fl-20 ta' Ġunju 2005. Meta reġa' xehed l-istess Ruben Gauci fit-2 ta' Frar 2009, dan qal li l-ħajt kien tneħħa iżda ma ttellax il-ħajt tas-sejjieħ.

**Il-Qorti qed tagħmel dawn il-konklużjonijiet:**

15. (a) La biċċiet mill-ħajt li kien bena l-imputat kienu għadhom jeżistu fl-20 ta' Ġunju 2005, isegwi li dawn kienu **għadhom hemm** fil-perjodu bejn l-24 ta' Jannar 1991 sat-28 ta' Frar 1991 – id-dati indikati fiċ-ċitazzjoni. Għalhekk fid-dati indikati fiċ-ċitazzjoni l-imputat ma kienx obda l-ordni tal-Qorti mogħtija fis-sentenza tat-23 t'Ottubru 1990.

(b) Skond is-sentenza, l-imputat ma kellu ebda obbligu li jtella' ħajt tas-sejjieħ iżda **biss li jneħħi** dak li kien bena bla permess.

(ċ) Il-fatt li l-imputat biegħ il-propjeta' lil ħadd ieħor ma jfissirx li b'hekk kien meħlus mill-obbligu li nponiet fuqu l-Qorti. Li kieku wieħed jaċċetta dan l-argument, kieku meta wieħed jibni illegalemnt kulma jrid jagħmel hu li jbigħ il-propjeta' lil ħaddieħor u b'hekk jeħles mir-reat li jkun għamel. **Għalhekk l-imputat, minkejja li biegħ il-propjeta', xorta kien tenut li jwaqqa' l-ħajt kollu kemm hu – kif ordnat is-sentenza - u mhux parti minnu biss.**

(d) Il-fatt li wara ħareġ permess biex jinbena ħajt tas-sejiieħ ta' għoli ta' 1.2 metri għoli ma jfissirx li l-imputat kien meħlus mill-obbligu li jwaqqa' kollox. L-ewwelnett hekk kienet tgħid is-sentenza u, it-tieni, it-tip ta' ħajt li kien

qed ikun sanzjonat kien ta' tip differenti minn dak li kien bena hu – ma kienx tal-kantun iżda tas-sejjieħ.

(e) Il-konklużjoni tal-Qorti hija li l-imputat kien attempora ruħu għal kollox żmien **sew** wara ż-żmien indikat miċ-ċitazzjoni. Dan jirriżulta mir-ritratti meħudin mill-Uffiċjal tal-Mepa fl-20 ta' Ġunju 2005 u minn dak li xehed l-istess Uffiċjal fl-udjenza tat-2 ta' Frar 2009.

(f) Id-dati indikati fiċ-ċitazzjoni huma 'mill-24 ta' Jannar 1991 sa 28 ta' Frar 1991'. Skond każistika tal-Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri l-Qorti għandha tieħu in konsiderazzjoni **dawk id-dati biss** li jidhru fiċ-ċitazzjoni. Għalhekk il-Qorti qed tillimita ruħha għal dawk id-dati biss u mhux għal xi dati li jaqgħu wara t-28 ta' Frar 1991.

(g) **Il-Qorti qed tiddeċiedi li fil-perjodu tad-dati indikati fiċ-ċitażzjoni, l-imputat kien għadu ma attemporax ruħu mal-ordni tal-Qorti li jwaqqa' l-ħajt kollu kemm hu.**

**Konklużjoni**

16. Għaldaqstant il-Qorti wara rat l-artikoli 16 u 17(2)(3)(4)(8) tal-Kap 10 kif kienu viġenti dak iż-żmien, is-sentenza tat-23 t'Ottubru 1990, l-artikolu 63(2) proviso (ii) tal-Kap 356 (Dispożizzjoni Tranżitorja) issib lill-imputat ħati li fiż-żmien indikat fl-imputazzjoni, jiġifieri l-24 ta' Jannar 1991 sat-28 ta' Frar 1991, huwa kien għadu ma attomperax ruħu **kompletament** mal-ordni mogħtija lilu fis-sentenza tat-23 t'Ottubru 1990 u għalhekk qed tikkundannah iħallas il-multa ta' €2106 (Lm900) kif mitlub fiċ-ċitazzjoni odjerna. Il-multa tista' titħallas b'rati ta' 100 Ewro fix-xahar b'dan pero' li jekk ma jitħallasx xi pagament, il-bilanċ ikun dovut f'daqqa.

17. Il-Qorti qed tiddikjara li dan il-ħlas huwa dejn ċivili u għandu jitħallas lid-dipartiment tax-Xogħolijiet jew l-aventi kawża tiegħu ai termini tal-artikolu 17(8) tal-Kap 10 kif kien viġenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------